TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 308

Kaz Nru. 425

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Rosario Caruana

u

Hunters Tower Restaurant

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 30 ta' Mejju, 1988

Chairman: Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.F.E.

## 1. INTRODUZZJONI

Il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali ta' dak iz-zmien irrefera lil dan it-Tribunal, b'ittra tat-23 ta' Frar, 1987, skond il-provvedimenti ta' l-Artikolu 28(2) tal-Att Nru. XXX tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, appell ta' Rosario Caruana dwar tkeccija mill-impieg li allega kienet ingusta.

It-Tribunal ghamel zewg seduti, l-ewwel wahda biex instemghu x-xhieda u t-tieni wahda biex sema' s-sottomissjonijiet finali. Qabel beda s-smiegh tal-kaz, it-Tribunal stieden iz-zewg partijiet biex jippruvaw jaslu, jew jaraw jekk setghu jaslu ghall-ftehim amikevoli, u ghal dan l-iskop, aggorna l-ewwel seduta ghall ftit hin. Wara li z-zewg partijiet infurmaw lit-Tribunal li ma kienx hemm possibilita' ta' ftehim, it-Tribunal beda bis-smiegh tal-kaz.

## 2. KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

Dan it-Tribunal ikkonsidra l-istatement of case taz-zewg partijiet, sema' bl-akbar attenzjoni x-xhieda, kif ukoll is-sottomissjonijiet finali, u kkonsidra bir-reqqa r-'record' tax-xhieda moghtija kif ukoll

.../2

l'istess sottomissjonijiet finali, bil-miktub. Dan it-Tribunal huwa tal-opinjoni li min imexxi stabbiliment, specjalment wiehed li jipprovdi servizz lill-pubbliku, ghandu jkollu l-prerogattiva manigerjali li b' sitwazzjoni normali jcaqlaq l-istaff tieghu skond ic-cirkostanzi u l-htigijiet tal-mument, kemm-il darba ma jkunx hemm l-ebda tnaqqis fil-paga jew salarju jew beneficci ohra jew fl-istatus tal-impjegat, u kemm il-darba l-impjegat ma jkollux xi raguni serja u valida, bhal mard jew xi tragedja personali bhal mewt fil-familja, li timpedih milli ragunevolment jesegwixxi xi ordni moghtija lilu mis-superjur tieghu.

Huwa nkoncepibbli illi impjegat jiddeciedi hu kif jahdem, fejn jahdem u meta jahdem: altrimenti jkun hemm sitwazzjoni fejn, kif jghidu bl-ingliz "the tail wags the dog"!

Id-dirigenti ta' stabbiliment huma dawk li jafu x'inhuma l-htigijiet tal-istabbiliment, u hija r-responsabbilita' u prerogattiva taghhom li jiddeciedu l-ahjar mod kif jilqghu u jipprovdu ghal dawn il-htigijiet.

Minn dak kollu li t-Tribunal sema' u qara jirrizulta li:

(a) Rosario Caruana ghamel il-kaz tieghu kontra l-Hunters Tower Restaurant u mhux kontra xi kumpanija partikolari:

(b) John Dalli huwa d-dirigent principali taz-zewg restaurants, "Hunters Tower" Marsaxlokk u t-"Tunny Net", il-Mellieha:

(c) John Dalli ried li Rosario Caruana jitla' jahdem lejl wiehed it-"Tunny Net", li kien is-Sibt, minhabba cirkostanzi li nqalghu, biex ikun jista' jkompli jipprovdi servizz xieraq lil klienti ta' dak ir-restaurant:

(d) Skond Rosario Caruana hadd ma qallu li kien ghal lejl wiehed biss, imma jibqa' il-fatt li Rosario Caruana ma ghamel l-ebda attentat, la ma John Dalli u l-anqas ma dirigenti ohra tal-"Hunters Tower" Restaurant biex jiccara l-punt jekk kellu jitla' it-"Tunney Net" ghal lejl wiehed biss jew ghal zmien indefinit:

.../3

(e) Rosario Caruana ma accettax li jitla' it-"Tunny Net" u baqa' adamanti fil-fehma tieghu minkejja t-tentattivi li saru biex jikkonvincuh jaghmel kif qallu John Dalli, is-sid principali taz-zewg restaurants.

(f) Rosario Caruana ma pprottestax ma' John Dalli, dak il-hin u mument kontra t-tkeccija tieghu. Ghall-kontrarju, huwa mar ghax-xoghol l-ghada bil-hsieb li jahdem iz-zmien tan-notice:

(g) Ma hemm l-ebda indikazzjoni li Rosario Caruana ma kienx efficjenti fuq ix-xoghol. Anzi, John Dalli wera fiducja fih ghax lilu ried biex jaqdih f'emergenza.

It-Tribunal mhux soddisfatt illi Rosario Caruana gab bizzejjed provi biex jissostanzja l-allegazzjoni ta' tkeccija ngusta.

John Dalli, bhala sid principali ta' zewg restaurants, kellu d-dritt li almenu ghal perjodu temporanju, icaqqlaq wiehed mill-impjegati tieghu biex jilqa' ghal bzonn tal-mument.

John Dalli ghazel proprju lil Rosario Caruana ghal dan il-ghan ghaliex huwa kien l-iktar wiehed, fl-opinjoni tas-sid, adattat ghal dan ix-xoghol. Mhux koncepibbli illi John Dalli, fl-assenza tal-istaff regolari tal-kcina fit-"Tunny Net", jaghzel lil xi hadd li ma kienx kapaci izomm l-istess standard ta' servizz.

Rosario Caruana m'ghamel l-ebda attentat biex jiccara jekk kellux jitla' il-Mellieha ghal lejl wiehed jew ghal zmien indefinit. Kieku ghamel hekk u kien isir jaf illi ic-caqliq kien sejjer ikun ghal perjodu indefinit, forsi kien ikun hemm lok illi joggezzjona mas-sid u jipprova jikkonvincieh illi jbiddel fehemtu. L-anqas ma jidher illi Rosario Caruana pprotesta dak il-hin u mument kontra t-tkeccija tieghu. Anzi, hadha bhala fatt u dahal l-ghada fil-ghodu bil-hsieb li jahdem iz-zmien tan-notice.

3. <u>DECIZJONI</u>

In vista ta' dawn il-fatti, it-Tribunal ma jistax jaccetta illi hemm provi bizzejjed biex jissostanzjaw l-allegazzjoni ta' tkeccija ngusta, u ghalhekk jirrispingi l-appell ta' Rosario Caruana.

Ghall-fini tal-Artikolu 31A tal-Att Nru. XXX tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali u skond it-tariffa li tinsab fir-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (AL. 48 tal-1986) it-Tribunal qieghed jintaxxa id-drittijiet tal-persuna li dehret ghal kull wahda mill-partijiet fis-somma ta' LM27.00,0.

B'din id-decizjoni, it-Tribunal Industrijali ittemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

MAURICE J.V. BONELLO
CHAIRMAN

EDWIN SPITERI
SEGRETARJU

/ms